MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2011

Talba Numru. 487/2011

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited**
**C-8692**

**vs**

**Eugenio Gusman**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi ordnat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn sebgha u tletin Ewro (€237.00) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lilu.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 4 ta’ Jannar 2011, u erbghin Ewro (€40.00) tal-konsulta, u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja, kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn sebgha u tletin Ewro (€237.00), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------